MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Numru 929/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Ritmark Borg**
**Shaun Barbara**
**Joshua Gatt**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Ritmark Borg ta’ 19-il sena, iben George u Marthese nee’ Camilleri, mwieled Pieta’ fid-29 ta’ Lulju 1989, residenti 109A, Triq tal-Borg, Paola u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 359789(M) u Shaun Barbara ta’ 16-il sena, iben Emanuel u Susan nee’ Sultana, mwieled Pieta’ fit-3 ta’ Jannar 1992 u residenti 83B, Triq tal-Borg, Paola u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 56092(M) u Joshua Gatt ta’ 19-il sena, iben Benny u Mary

nee' Caruana, mwieled Pieta' fl-10 ta' Frar 1989, residenti 51B, Sqaq Brittaniku numru 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 96589(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fid-19 ta' Settembru 2008 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9 u cioe';

F'San Pawl il-Bahar nhar id-19 ta' Settembru 2008, matul il-jum, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt f' Malta u cioe' serq aggravat, mill-fond Palm Court Hotel sitwat fi Triq it-Tamar, liema delitt ta' serq ghandu piena ta' prigunerija;

**Nakkuza wkoll lil Ritmark Borg u Shaun Barbara t-tnejn flimkien talli:**

F' San Pawl il-Bahar fil-perjodu ta' bejn l-10 u t-18 ta' Settembru 2008, matul il-jum ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti mill-kamra numru 454, tal-lukanda Palm Court, sitwata fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €233, izda inqas minn €2330 u li sehh ghad-detriment ta' Michael Stephen Jeffrey;

Fl-istess perjodu mmedjatament hawn fuq imsemmi, lok u cirkustanzi kkommettew serq ta' apparat cellulari mill-kamra numru 441, tal-lukanda Palm Court, sitwata fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' Katherine Savory;

Fl-istess perjodu fuq imsemmi lok u cirkostanzi kkommettew serq ta' arlogg tal-marka 'Pulsar' u flus kontanti mill-kamra numru 304, tal-lukanda Palm Court, sitwata fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €233 izda inqas minn €2330 u li sehh ghad-detriment ta' Charles Morgan;

Fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi, lok u cirkustanzi kkommettew serq ta' 'portable DVD' mill-kamra numru 468, tal-lukanda Palm Court, sitwata fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' Ivy Baranyai;

Fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi, lok u cirkustanzi kommettew serq ta' 'portable DVD' mill-kamra numru 459, tal-lukanda Palm Court, sitwata fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' Frank Robinson;

Fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi, lok u cirkustanzi kkommettew serq ta' flus kontanti mill-kamra numru 374, tal-lukanda Palm Court, sitwata fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkawlifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' David Bailey;

**Qieghed nakkuza wkoll lil Joshua Gatt wahdu talli:**

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fir-reati kollha hawn fuq imsemmija, billi xjentement ghen jew assista, lil awtur jew lil awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsinnati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati, u dan ai termini ta' l-artikolu 42 (c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9.

F' San Pawl il-Bahar fil-perjodu ta' bejn id-9 u l-20 ta' Settembru 2008, matul il-jum, ikkommetta serq ta' €30 fi flus kontanti mill-fond Palm Court Hotel, sitwat fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna u li sehh ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

Fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi, lok u cirkustanzi, matul il-jum ikkommetta serq ta' apparat cellulari tal-marka Samsung E250 mill-fond Palm Court Hotel, sitwat fi Triq it-Tamar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna u li sehh ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

**Finalment qieghed nakkuza wkoll lil Ritmark Borg wahdu talli:**

Kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar is-6 ta' Gunju 2007.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Settembru, 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2009 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat in kwantu jirrigwarda l-imputati Shaun Barbara u Joshua Gatt, l-fatt li ghandhom fedina penali netta (esebita a folio 8 u 10 rispettivament) u l-fatt li huma rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk jidrilha li huma ghandhom jinghataw l-ahhar opportunita' sabiex jirriformaw ruhhom u jaqbdu t-triq it-tajba.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Ritmark Borg l-Qorti kkonstatat li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u ghalhekk il-Qorti jidrilha li jkun aktar opportun li tigi mposta probation order.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 18, 49A, 261,267, 268, u 42 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputati Shaun Barbara u Joshua Gatt hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 18, 49A, 261, 263, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat Ritmark Borg hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perjodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Ritmark Borg ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Ritmark Borg kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Ritmark Borg ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Illum 20 ta’ Marzu, 2009

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)

vs

Ritmark Borg

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)

Seduta tal-llum 20 ta' Marzu, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Ritmark Borg gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputat inkluz il-htigijet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u nnutat li l-imputat wera li jrid ihares il-htigijet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Ritmark Borg detentur tal-karta tal-identita' numru 359789(M) ta' 19-il sena, iben George u Marthese nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Lulju 1989 u joqghod 109A Triq tal-Borg, Paola jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perjodu ta' probation ta' tlett (3) snin Ritmark Borg ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Ritmark Borg kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Ritmark Borg ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------